**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-IMĦALLEF**
**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**

**Illum, 31 ta' Ottubru 2023**

**Rikors Ġuramentat Nru: 214/19AL**

**Fl-ismijiet:**

**A B**

**Vs**

**C D kemm personali, kif ukoll fil-kwalita tagħha bħala eredi ta' E D nee F kif ukoll fil-kwalita tagħha bħala eredi ta' G D, kif ukoll fil-kwalita tagħha bħala eredi ta' H D, u d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attur li permezz tiegħu ppremetta:

1. *Illi G D twieled fis-6 ta' Awissu ġewwa l-Isptar San Luqa Pieta, Malta mid-defunta E D F;*

[1] Fol 1 sa 3

2. *Illi E D nee F mietet fit-23 ta' Awissu, 2002 u kienet miżżewġa lil H D li miet fis-16 ta' Frar 2000;*

3. *Illi d-defunta E D ħalliet żewġt itfal u ċioe lil G D kif ukoll lill-intimata C D;*

4. *Illi G D miet fl-14 ta' Diċembru 2017 u l-mewt tiegħu kienet suġġett ta' inkjesta dwar l-in ġenere u r-rikorrenti hu nfurmat li fil-mori tal-inkjesta nħatret Dr C F bħala espert fil-qasam tad-DNA, bl-obbligu li tieħu kampjun tad-DNA mil-persuna tad-defunt G D;*

5. *Illi r-rikorrent kellu relazzjoni intima ma' E D fix-xhur qabel it-twelid ta' G D u għandu x'jaħseb li t-tifel G huwa ibnu;*

6. *Illi t-twelid tal-iben G ġie reġistrat fis-17 ta' Awissu, 2000 fiċ-ċertifikat li jġib in-numru ta' iskrizzjoni 2940 u ġie reġistrat bħala iben H D detentur tal-karta tal-identita numru 319565M li kien miet qabel l-istess twelid;*

7. *Illi permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) Rikors Numru 163/01NC) tal-25 ta' Ottubru 2013, fl-ismijiet M D et vs Lucy Ann armla ta' H D f'isimha proprju u bħala leġittimu rappreżentanti ta' binha minuri G et, il-Qorti Ċivili laqgħet it-talbiet tal-attur u "... u filwaqt li tiddikjara li l-minuri G D li twieled minn Lucy Ann fis-6 ta' Awissu, 2000 mhuwiex il-wild naturali ta' H D, tordna li jsiru d-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid (numru 2940/2000) tal-istess minuri fit-termini talba attriċi;*

8. *Illi din is-sentenza iddeċidiet u ddeterminat li H D ma huwiex il-missier naturali tad-defunt G D;*

9. *Illi kif għandu jirriżulta mis-smiegħ u l-eventwali trattazjoni tal-kawża il-missier naturali tad-defunt G D huwa r-rikorrenti A B;*

10. *Illi r-rikorrenti kif kellu indikazzjonijiet li G D huwa ibnu huwa wera interess u għad għandu interess illi tiġi ddikjarata l-paternita reali tad-defunt G D;*

11. *Illi permezz ta' ittra uffiċjali datata 13 ta' Settembru, 2005 r-rikorrent kien talab lil I J li dak iż-żmien kellha l-kustodja tal-minuri G D sabiex tissottometti lill-istess għal testijiet tad-DNA ħalli tiġi stabbilieta l-paternita u dan wara li r-rikorrenti kien ingħata informazzjoni li tindikalu li huwa kien il-missier;*

12. *Illi filwaqt li l-istess I J rrispondiet billi talbet lir-rikorrenti ma jergax jagħmel komunikazzjoni mal-familja tagħha u rrifjutat it-talba mressqa mir-rikorrenti, kif se jiġi ppruvat anke fil-mori u s-smigħ ta' dawn il-proċeduri, r-relazzjoni bejn il-familja tal-istess J u tar-rikorrrenti ma kienetx waħda tajba;*

13. *Illi, in vista tar-relazzjoni intima li kienet teżisti bejn ir-rikorrent u E D nee F fi żmien meta d-defunta E D kienet miżżewġa lil H D, u qabel il-koċepiment ta' G D, ir-rikorrent għandu raġuni biżejjed illi jemmen li huwa l-missier naturali tal-istess G u għaldaqstant irid illi jirrikonoxxi lid-defunt G D bħala ibnu skont il-liġi;*

14. *Illi għalhekk huwa talab lil dina l-Onorabbli Qorti permezz ta' rikors numru 41/18GV fl-ismijiet A B vs C D fil-kwalita tagħha tal-eredi ta' G D u d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex tawtorizzah jippreżenta dawn il-proċeduri odjerni sabiex huwa jiġi dikjarat il-missier naturali tad-defunt G D u sabiex tinħareġ dik l-awtorizzazzjoni meħtieġa ai termini tal-istess artikolu 77C tal-Kodiċi Ċivili;*

15. *Illi permezz ta' deċiżjoni mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti fl-atti tar-rikors numru 41/18GV fl-ismijiet A B vs C D fil-kwalita tagħha tal-eredi ta' G D u d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, fis-27 ta' Ġunju 2019, il-Qorti laqgħet it-talba tiegħu u 'għalhekk ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, jibda l-kawża għad-dikjarazzjoni tal-paternita`, kif imsemmi fl-Artikolu 77A u 77B tal-istess Kap'.*

16. *Illi in vista ta' dak ġia premess u kif sejjer jiġi pruvat fil-mori tal-proċeduri f'dan il-każ iseħħu l-elementi kollha meħtieġa li juru li l-istat ta' G D ma huwiex konformi ma' dak dikjarat fiċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu u għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq premessi l-esponent ipproċeda bil-preżentazzjoni ta' dawn il-proċeduri ai termini tal-Artikolu 77A;*

*Għaldaqstant r-rikorrenti bir-rispett jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *tiddikjara illi għal finijiet u effetti kollha tal-liġi l-missier naturali ta' G D huwa r-rikorrent A B u dan anke wara li jsiru t-testijiet xjentifiċi meħtieġa kif u jekk jidhrilha xieraq dina l-Onorabbli Qorti;*

2. *tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel il-korrezzjonijiet meħtieġa fl-Att tat-Twelid ta' G D, sabiex il-paternita tal-istess minuri tiġi korrettament rispekkjata fl-istess Att tat-Twelid, billi fil-kolonna fejn hemm*

*miktubin id-dettalji tal-missier ta' G D l-istess dettalji jiġu sostitwiti bid-dettalji tal-missier naturali ta' G D u ċioe bid*-dettalji *tar-rikorrent A B.*

*Bl-Ispejjeż kontra l-intimati li minn issa huma nġunti għas*-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni[2] tal-attur, l-elenku tad-dokumenti[3] u l-lista tax-xhieda tal-attur[4]

Rat id-digriet[5] tagħha tat-30 ta' Settembru, 2019 bl-appuntament tas-smiegħ;

Rat ir-riposta ġuramentata tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku[6] li permezz tagħha ġie eċċepit:

1. *Illi l-esponent jiddikjara li ma huwiex edott mill-fatti hekk kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;*

2. *Illi fil-mertu, l-esponent jeċċepixxi illi sabiex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti trid tipprova li fiż-żmien bejn it-tlett mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tad-defunt G D, d-defunta E D kellha relazzjoni extra-maritali ma' A B;*

3. *Illi bla ħsara għas-suespost f'każ li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jistieden lir-rikorrent sabiex jippreżenta permezz ta' nota d-dettalji kollha tiegħu, senjatament: (1) In*-numru *tal-karta tal-identita` tiegħu, (2) Ismu u kunjomu, (3) L-eta` tiegħu meta twieled G D, (4) Il-post tat-twelid tiegħu, (5) Il-post ta' residenza tiegħu meta twieled G D, (6) Isem u kunjom ta' missieru, u (7) Jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieled G D. Tali informazzjoni hija meħtieġa sabiex tiġi eventwalment inserita fl-Att ta' Twelid ta' G D;*
4. *Illi bla preġudizzju għal premess, f'każ li jintlaqaw it*-talbiet *tar-rikorrenti, l-esponent jirrileva illi l-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom kellu se mai jassumi G D;*

5. *Illi subordinatament u dejjem bla ħsara għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-attur huwa importanti li l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem 'H D', senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati 'tagħrif dwar l-omm, għandhom jiġu kanċellati mill-Att tat-Twelid ta' G D.*

[2] Fol 3
[3] Fol 6
[4] Fol 7
[5] Fol 39
[6] Fol 46

6. *Illi bla preġudizzju għal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

7. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż konta r-rikorrent li qiegħed minn issa jiġi inġunt għas-*subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda[7] tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

Rat id-digriet tas-26 ta' Novembru, 2019[8] fejn il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrent A B sabiex jipproċedi biex jinnotifika l-intimata permezz tal-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni f'gazetta lokali waħda;

Rat in-nota tar-rikorrent A B li permezz tagħha esebixxa l-estratt tal-gazetta lokali.[9]

Rat il-verbal ta' l-1 ta' Diċembru, 2020[10], fejn jirriżulta li l-konvenuta debitamnet notifikata ma ppreżentatx risposta

Rat id-digriet tagħha tal-29 ta' Marzu 2021[11] fejn laqgħet it-talbiet tar-rikorrent A B *ai termini* tar-rikors tiegħu tas-17 ta' Diċembru 2020[12] u ordnat li jiġi allegat mal-proċeduri odjerni l-proċess bir-rikors numru 41/18AV fl-ismijiet A B vs C D et deċiż fis-27 ta' Ġunju 2019 sabiex il-provi kollha f'dak il-proċess jifformaw parti mill-proċess odjern u ordnat sabiex isiru t-testijiet xjentifiċi tad-DNA minn Dr Marisa F.

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' Mejju, 2021[13] li permezz tiegħu l-Qorti laqgħet it-talba tal-intimata C D sabiex tippreżenta r-risposta ġuramentata tagħha;

Rat ir-Riposta Ġuramentata[14] ta' K L fil-kwalita tiegħu ta' mandatarju speċjali ta' C D li permezz ta' l-istess ġie eċċepit:

[7] Fol 48
[8] Fol 53
[9] Fol 55
[10] Fol 61
[11] Fol 77
[12] Fol 52
[13] Fol 86
[14] Fol 87

1. *Illi l-attur jeħtieġlu jipprova l-interess ġuridiku tiegħu u kif ukoll l-eżistenza tal-elementi kollha rikjesti fil-liġi sabiex tiġi promossa l-azzjoni odjerna;*

2. *Illi, in ogni każ, it-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk għandhom jinċaħdu minn din l-Onorabbli Qorti, u dan għas-segwenti raġunijiet:*

   i. *Illi l-attur QATT ma kien involut f'ħajjet G D, li miet f'ċirkostanzi traġiċi fl-eta` tenera ta' sbatax-il sena, kif ser jiġi spjegat fil-mori ta' din il-kawża;*

   ii. *Illi kien biss wara l-mewt tal-istess G D, kif ukoll wara l-mewt ta' omm G u l-intimata – senjatament Lucy Ann D – li l-attur intavola proċeduri sabiex jiġi ddikjarat li huwa l-missier naturali ra' G D;*

   iii. *Illi kif ank rrizżulta bl-iżjed mod ċar mill-proċeduri fl-ismijiet premessi bin-numru ta' referenza 41/18 AGV, il-motivazzjoni tal-attur f'dawn il-proċeduri hija waħda purament pekunjarja, u ċertament ma hijiex motivata mill-aħjar interess ta' G D, li ilu nieqes sa mis-sena 2017;*

3. *Illi l-azzjoni odjerna ma tistax tirnexxi wkoll stante li t-talbiet tal-attur ma jistgħu bl-ebda mod ikunu għall-benefiċċju tal-persuna li qiegħed jintalab ir-rikonoxximent tagħha.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*
*Bl-Ispejjeż*
Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti tal-intimata[15], kif ukoll il-prokura tal-P.L. K L[16]

Rat il-verbali kollha, l-Affidavits, il-provi mressqa, id-dokumenit eżebiti u l-atti kollha kif ukoll l-atti allegati tar-rikors numru 41/18 AGV deċiża fis-27 ta' Ġunju, 2019.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur;

Rat l-atti proċesswali kollha;

[15] Fol 88
[16] Fol 89

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

Ikkunsidrat:

## (i) L-Azzjoni Odjerna

Il-Qorti għandha quddiemha talba da' parti tar-rikorrent A B relatata mal-paternita` tad-defunt G D imwieled nhar is-6 ta' Awwissu 2000 u b'hekk twieled ftit wara l-mewt tar-raġel t'ommu, E D, xebba F (illum defunta) li kienet miżżewġa lil H D.

Ir-rikorrent jikkontendi li d-defunt G F huwa ibnu. Jirriżzulta li b'sentenza fl-ismijiet M D vs E D et. Rikors 163/01NC deċiża fil-25 ta' Ottubru, 2013, ġie iddikjarat li d-defunt G D mhuwiex iben id-defunt H D. Illi permezz tal-preżenti, ir-rikorrenti qiegħed iressaq it-talba tiegħu sabiex jiġi ddikjarat illi d-defunt G D huwa l-wild naturali u bijoloġiku tiegħu.

Għalhekk permezz ta' din il-kawża, ir-rikorrent qiegħed jitlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li huwa l-missier naturali tad-defunt G D u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet neċessarji fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' G D billi jiġu inseriti l-konnotati tar-rikorrent bħala l-missier.

## (ii) <u>Il-Fatti</u>

Illi r-rikorrent qed jitlob li jiġi ddikjarat bħala l-missier naturali tal-minuri G D li twieled fis-6 ta' Awwissu, 2000 u li miet traġikament fl-14 ta' Diċembru, 2017.[17] Il-mewt tal-minuri G D kien suġġett ta' inkjesta dwar l-*in genere*, fejn kienet inħatret Dr Marisa F bħala espert fil-qasam tad-DNA, bl-obbligu li tieħu kampjun tad-DNA mil-persuna tad-defunt G D;

Illi mill-att tat-twelid tal-minuri G D[18], jirriżulta li huwa ġie rreġistat bħala iben il-miżżewġin E D u d-defunt H D. H D miet fis-16 ta' Frar, 2000 u għalhekk qabel it-twelid tal-minuri G D[19].

Illi jirriżulta wkoll li omm il-minuri G D, u ċioe` E D, mietet fit-23 ta' Awwissu, 2002[20];

[17] Ċertifikat tal-mewt ta' G D esebit a fol 20. 0
[18] Dok B a fol 6 fl-atti allegati mal-kawża odjerna Rikors nru. 41/18 AGV
[19] Ċertifikat tal-mewt ta' H D esebit a fol 9
[20] Ċertifikat tal-mewt ta' E D esebit a fol 13

Illi qabel ma ġew intavolati l-proċeduri odjerni, ġew trattati u deċiżi l-proċeduri fl-ismijiet: **<u>M D vs E D et. Rikors 163/01NC deċiża fil-25 ta' Ottubru, 2013</u>**, permezz ta' liema sentenza u abbażi ta' testijiet xjentifiċi li saru, ġie deċiż: *Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tilqa' t-talba ta' l-atturi, u filwaqt li l-minuri G D li twieled minn E fis-6 ta' Awwissu, 2000 mhuwiex il-wild naturali ta' H D, tordna li jsiru d-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid numru 2940/2000 ta' l-istess minuri fit-termini tat-talba attriċi.*"[21]

Illi in oltre` jirriżulta wkoll li qabel ir-rikorrent intavola dawn il-proċeduri, huwa pproċeda b'rikors quddiem il-Qorti tal-Familja, fl-ismijiet: *A B vs C D fil-kwalita`tagħha tal-eredi ta' G D u d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku Rik Nru. 41/18 AGV, ai termini* tal-artikolu 77C tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta fejn talab lill-Qorti sabiex tawtorizzah jipproċedi b'kawża għad-dikjarazzjoni ta' paternita` kif imsemmi fl-artikolu 77A u 77B. Dan ir-rikors ġie deċiż permezz tad-deċiżjoni tas-27 ta' Ġunju 2019 fejn il-Qorti qalet:

*"Għaldaqstant, in vista ta' dan u wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, tħoss li huwa dritt sacrosant ta' missier li jiġi ddikjarat bħala missier il-wild tiegħu. Li kieku G D kien għadu ħaj, żgur kien jixtieq din iċ-ċertezza f'ħajtu u għalhekk huwa dritt tiegħu li jkun leġittimat. Għalhekk minn dak li semgħet u evalwa, l-attur għandu jingħata awtorizazzjoni sabiex jipproċedi b'kawża ai termini tal-Artikolu 77A u 77B."*[22] Konsegwentement il-Qorti laqgħet it-talbiet tar-rikorrent fejn awtorizzat l-istess sabiex jibda kawża għad-dikjarazzjoni ta' paternita`.

Rat illi permezz tat-testijiet ġenetiċi redatti minn Dottor Marisa F, irriżulta li r-rikorrent A B huwa l-missier naturali u bijoloġiku tad-defunt G D.[23]

## Il-Verżjoni tar-rikorrent

F'dawn il-proċeduri r-rikorrent xehed permezz ta' Affidavit[24] fejn esebixxa żewġ dokumenti: 1) Dok. SB 1[25] - ittra legali datata 13 ta' Settembru 2005 mibgħuta mill-Avukat li kienet qed tassistih dak iż-żmien, lil I J u dan sabiex l-istess I J li dak ż-żmien kellha l-kura u l-kustodja tal-minuri konċernat tissottometti lill-istess minuri għat-testijiet relattivi tad-DNA u dana stante l-informazzjoni li kienet wasslitlu l-istess A B li kien hemm possibilta` li huwa kien il-missier tal-minuri. 2) Dok. SB 2 – Deċiżjoni tal-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja tas-27 ta' Ġunju, 2019 fl-ismijiet: A B vs C D fil-kwalita tagħha tal-eredi ta' G D u d-Direttur tar-

[21] Fol 10 tar-rikors 41/18 AGV allegati mal-kawża odjerna. In oltre minn dak li jirriżulta miċ-ċertifikat tal-mewt ta' Micahel D a fol 20 maħruġ fl-4 ta' Settembru 2018 – H D għadu qed jidher bħala missier G D.

[22] Vide proċess allegat Rikors Nru: 41/18 AGV

[23] Vide fol: 68, sa 77, 94 sa 96, vide wkoll fol 113 sa fol 115.

[24] Fol 136 – bl-istess mod isir referenza a fol 12 Dok E tal-process allegat 41/18 AGV

[25] Fol 138

Reġistru Pubbliku 41/18 AGV, fejn il-Qorti awtorizzat lir-rikorrent A B sabiex jipproċedi bl-azzjoni odjerna.[26]

Fl-affidavit tiegħu l-attur jispjega li huwa kellu relazzjoni intima mad-defunta Lucy Ann, u dan kien fix-xitwa tas-sena 1999 u damet għaddejja xi tlieta jew erba' xhur u ntemmet f'Jannar 2000. Jispjega li hu kien jaf li dak iż-żmien E kienet għaddejja minn proċeduri ta' separazzjoni personali minn mar-raġel tagħha H D u fil-fatt jispjega li f'dan il-perjodu hu ġieli raqad għandha u kellu x'jaqsam magħha bejn ix-xhur ta' Settembru 1999 u Diċembru 1999, u li kien preżenti meta E għamlet il-pregnancy test li rriżulta fil-pożittiv u li t-tnejn kienu kuntenti b'dan ir-reżultat. Jispjega li kien wara l-aħbar tat-tqala ta' E li nqala' l-inkwiet bejn il-familji rispettivi tagħhom u wara ġlieda kbira hu u E ma baqgħux jitkellmu. Jgħid li sar jaf bit-twelid tat-tarbija ta' E mingħand ħuh N B li jiġi t-tifel ta' missieru u ċioe, ta' O B u ta' P B li kienet it-tieni mara ta' missieru iżda li kienet ukoll oħt E. Jgħid: "*Minħabba l-ġlied bejn il-familja tagħna u ta' E, E bdiet tinnega li dan il-wild hu tiegħi. Ngħid li fis-sena 2002 smajt mingħand ħija N B illi E kienet mietet. F'dawn is-sentejn li kienu għaddew jien dejjem bqajt fid-dubju dwar jekk inix il-missier tat-tifel G D (missieri u P kienu waqfu wkoll mir-relazzjoni).*"[27]

Jispjega kif ftit snin wara meta l-minuri G D kellu xi erba' snin kien iltaqa' ma' din P (l-ex mara ta' missieru) u qaltlu " *ma tgħidx li mhux minn tiegħek G għax inti in-nattiv – photocopy tiegħek*"[28]. Kien fuq hekk li kien bagħat l-ittra legali Dok SB 1[29] lil I B li dak iż-żmien kienet qed tieħu ħsieb il-minuri. Jispjega li I opponiet, u li dak iż-żmien ma ħassx li seta' jmexxi bi proċeduri minħabba l-ġlied li kellhom bejn il-familji rispettivi tagħhom. Jispjega li u sar jaf li kien hemm proċeduri li permezz tagħhom ġie ddikjarat li H D ma kienx missier G D u li kienet P B li nfurmatu fuq il-mewt ta' G D. In oltre` x-xhud jispjega li l-għada tal-mewt ta' G D huwa mar jitkellem mal-Ispettur Nicholas Vella fejn huwa qallu b'din l-istorja, u minn hemm ġie infurmat li kien ser jinħatar espert sabiex jieħu kampjuni tad-DNA, u b'hekk sar jaf li l-espert in kwistjoni kienet Dr Marisa F.

Illi fl-atti tal-kawża odjerna jinsabu esebiti kopja tar-rikors li l-attur kien ippreżenta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-inkjesta dwar l-*in genere* in konnessjoni mal-mewt ta' G D permezz ta' liema rikors talab lill-Qorti tawtorizza lil Dr Marisa F tirtira kampjun tad-DNA tad-defunt G D[30] u d-digriet relattiv tat-30 ta' Settembru, 2021[31]

[26] Fol 139
[27] Fol 136
[28] Fol 136 – paragrafu 9
[29] Fol 138
[30] Fol 94
[31] Fol 96

**Provi Rikorrent:**

Ġew ippreżentati s-segwenti affidavits ta' diversi membri tal-familja tal-attur:

- Affidavit ta' Q B[32] bint l-attur li esebiet korrispondenza li kellha ma' R S T (Dok A)[33]. Fl-affidavit tagħha tgħid ukoll li "*jien niftakar li meta missieri kien kellimni fuq G D kien qalli li xtaq jirrikonoxxi lil G D mingħajr ma jibda xi proċeduri fil-Qorti u dan fl-aħjar interess ta' G D minħabba relazzjonijiet mhux tajbin fil-familji nvoluti.*"

- Affidavit ta' O B[34] hu l-attur, li jikkonferma li "*niftakar li A kien ġieli jorqod ma' E D...*[35]*"* u li *"wara ftit żmien, E D kienet qalet lill-missieri O B li kienet ser tagħmlu nannu, u lili qaltli kemm-il darba li kienet ser tagħmilni ziju.*"[36] Jikkonkludi l-affidavit tiegħu billi jgħid li l-attur ipprova jagħmel milli seta' biex jirrikonoxxi lit-tifel bil-kelma t-tajba, iżda sab opposizzjoni minn I J u b'hekk iddeċieda li jistenna sakemm G D ikollu l-eta` tiegħu *"biex ma jkollux indħil minn zitu I J u ma ssirlux ħsara psikoloġika."*[37]

- Affidavit ta' C B[38] oħt l-attur u l-kuġina ta' G D. Fl-affidavit tagħha tispjega kif saret taf li ħuha kien missier G D:
  " *Jiena sirt naf li ħija A B huwa missier G D mingħand il-kuġina tiegħi C D, li tiġi oħt G D u t-tifla ta' E D nee F, meta kont riekba f'karozza ma' C D u l-ħabib tagħha Kurt Cauchi meta konna ġejjin minn party u jiena smajt lil C D tirrakkonta din l-istorja lil dan Kurt fil-karozza, fejn qaltlu li ħija A B jiġi missier G D. C D kienet qalet ukoll illi G huwa 'the spitting image of A'. Meta smajtha tgħid hekk, jiena kont sorpriża għaliex ma kontx naf, u staqsejtha biex tispjegali x'kienet qed tgħid. Hi kien mingħalija li jien kont diġa` naf dwar dan il-fatt u li kienet sorpriża bil-fatt li jiena ma kontx naf. Ftit jiem wara jien staqsejt lil ommi P B fuq dak li kienet qaltli C. Ommi kkonfermat dak li qalet C D, u qaltli li taf ukoll bil-fatt li A kien bagħat ittra legali lil I J biex jirrikonoxxi lit-tifel imma GeorI rrispondiet fin-negattiv. Ommi qaltli li hi ċerta mija fil-mija li G kien it-tifel ta' A B għax tiftakar lil A u lil oħtha E iqattgħu ħafna żmien flimkien. C qaltli dan kollu f'Marzu tas-sena 2013."*[39] Fl-affidavit tkompli biex tispjega li setgħet

---

[32] Dok A a fol 121
[33] Fol 122 sa 128
[34] Dok B fol 129;
[35] Fol 129 paragrafu 3
[36] Fol 129 paragrafu 4
[37] Fol 129 paragrafu 9
[38] Fol 131
[39] Fol 130 paragrafi 1 sa 4

tifhem għaliex dak iż-żmien ħuha ma riedx jidħol il-Qorti biex ma jbatix il-minuri, u tispjega r-raġuni għaliex ma tkellmetx fuq dan is-suġġett ma': 1) ħuha l-attur (sakemm miet il-minuri G), 2) ma' G u 3) ma' zitha I J għax kienet taf il-posizzjoni tagħha u ma reditx toħloq inkwiet u peress li din kienet tagħti x'tifhem li G kien kuntent. Tispjega kif ommha infurmatha bil-mewt ta' G umill-ewwel marret għand zitha I fejn fost in-nies li kienu hemm kien hemm R S T: *".... l-ewwel ħaġa li smajt jgħid Salvu lil Ian kien li Jospeh S T kien qallu li G dakinhar tal-mewt kien imfixkel fuq il-fatt li ma kienx jaf min hu missieru. Dan juri li m'hijiex minnha l-impressjoni li kienu tawni li G kien kuntent bil-fatt li ma jafx min hu missieru. Dak il-ħin mort fuq ommi u staqsejtha jekk A jafx bil-mewt ta' G. Hi qaltli li kienet diġa infurmatu permezz ta' telefonata. Għalkemm jien qatt ma tkellimt ma' A B fuq din il-ħaġa, kont naf li kellu bżonni għax kienet weġgħa kbira għalih u li ntilfet kull tama għax kont naf li A ma riedx jidħol fil-qorti biex ma jagħmilx ħsara lil minuri G D. Dan minħabba s-sitwazzjonijiet mhux soliti tal-familja tagħna.*"

Tkompli billi tispjega li marret il-kamra mortwarja mal-attur u li C D marret tgħannaq lill-attur, u meta ċerta C Rita Bartolo staqsietha jekk l-attur kienx ser jara lil G wieġbet P fejn qalet li kien ikun aħjar jekk le. Tgħid li " *Dawn l-għemejjel ta' I J C D u C Rita Bartolo juru li rrikonoxxew li A kien missieru*."[40] Tikkonkludi l-affidavit tagħha billi tgħid li C D (oħt G) ta' spiss kienet ssemmi l-fatt li hi ma kellhiex relażżjoni tajba ma' ħuha G u ma kellha l-ebda interess li ttejjibha.

- Affidavit ta' U V[41] - Hawnhekk ix-xhud tispjega li kellha sittax-il sena meta ltaqgħet mal-attur u mir-relazzjoni tagħhom twieldet Q B. Wara t-twelid ta' Q ma baqgħux flimkien għal perjodu ta' circa 4 xhur. "*Meta erġajna flimkien A qalli li f'dak il-perjodu ta' erba' xhur li ma konnhiex flimkien, hu kellu relazzjoni ma' E D, illum mejta, qalli wkoll li kienet tqila."[42]* Tispjega li kienet marret il-festa ta' Ħal Qormi ma' A fejn hemmhekk iltaqgħu ma' P B. Ġranet wara A B qalilha dak li qaltlu P u minn hemm ddeċieda li jmur għand Avukat fejn bagħat ittra lil I J li minn naħa tagħha rrispondiet permezz ta' ittra mibgħuta mill-Avukat Edward Debono sabiex l-attur iħallihom bi kwiethom. Skontha l-attur ma xtaqx jiftaħ kawża " *minħabba li kellu l-interess tat-tifel G D l-ewwel u qabel kollox, u dejjem ried li din il-kwistjoni tar-rikonoxximent issir bir-raġuni u barra mill-Qorti sabiex ma ssirx ħsara lit-tifel li kien qed jgħix ma' I J, li tiġi oħt ommu"[43]* u skontha reġgħu marru jitkellmu mal-Avukat fis-sena

[40] Fol 131 paragrafu 19
[41] Dok D fol 132
[42] Fol 132 paragrafu 3
[43] Fol 132 paragrafu 9

2013 meta saru jafu li kien hemm sentenza tal-Qorti li ddikjarat li H D ma kienx missier G.

**Verżjoni Intimata:**

L-Intimata li tiġi oħt id-defunt G D xehdet permezz ta' Affidavit[44]. Hawnhekk tikkonferma li meta ommha, u ċioe` E D ħarġet tqila b'ħuha G ir-relazzjoni bejn il-ġenituri tajba ma kienet tajba xejn u dan tant li l-ġenituri tagħha lanqas ma kienu qegħdin jgħixu flimkien:

*"Fil-perjodu meta ommi ħarġet tqila b'G, konna ngħixu maz-zija P, li kienet miżżewġa lil Pietru. Dan Pietru jiġi missier A B."*

Skont l-intimata, hija tgħid li dak iż-żmien ommha ma kenitx stabbli mentalment, u skontha ommha kienet fi stat ta' mania. Fl-affidavit tagħha tirrakkonta episodji li seħħew waqt li ommha kienet tqila b'G, u li jinvolvu r-rikorrent, fosthom tirrakonta: "*Niftakar ukoll episodju fejn A kien qiegħed barra mill-appartament tagħna u kien qagħad iħabbat mal-bieb u jgħajjat biex tiftaħlu. Pero` ommi baqgħet ma fetħitlux, u A kien telaq."*
u
*"Jiena niftakar ukoll li meta ommi kienet tqila b'G, hija kienet anki spiċċat l-isptar għaliex A u Tony kienu tawha xeba f'żaqqha bis-safety shoes"*

Fl-affidavit tagħha ssemmi wkoll li s-segwenti:

"*Sfortunatament, minħabba ħafna fatturi liu ma kelli ebda kontroll fihom (inkluż il-fatt li jien kont D,* ***u hu ma riedx ikun D****; u l-fatt li kont inkun ta' spiss l-Ingilterra), jien qatt ma żviluppajt relazzjoni b'saħħitha ma' G*"

Tikkonkludi l-affidavit tagħha billi tgħid li kienu dejjem iz-zijiet tagħha, u ċioe` GeorI u Salvu li rabbew u ħadu ħsieb lil ħuha G u tgħid: "*Jien għalija G kien tagħhom"* u mhux tar-rikorrent li skontha qatt ma aġixxa ta' missier. Tikkonkludi billi tgħid li tħoss li r-rikorrent qed jagħmel dan kollu minħabba l-flus.

Illi fil-fatt il-kontestazzjoni tal-intimata ddur mal-fatt li ladarba rabbewħ iz-zijiet tagħha GeorI u Salvu tqis lilhom bħala l-ġenituri ta' G u tkompli li l-azzjoni li ha l-attur huwa motivat bil-flus u xejn iktar. Fil-fatt anki l-affidavits tal-familjari tagħha huma mibnijin fuq l-istess teżi.

[44] Fol 165

**Provi Intimata**

Affidavit ta' GeorI J[45]: Skontha t-tfal li E kellha ma' żewġha H kellhom problemi b'saħħithom tant li tifel wieħed miet meta kien żgħir u l-kunjata tagħha ħaditha kontra E. Skont ix-xhud oħtha E kienet *bi-polar*. "*minħabba dan kollu, E niftakar li kienet daħlitha f'moħħha li trid li jkollha wild ieħor, b'genes differenti, biex tipprova tmeri t-teorja tal-kunjata tagħha (u ta' żewġha) li kien it-tort tagħha li uliedha twieldu b'daqshekk problemi. Biss pero ħadd qisu ma kien ħadha bis-serjeta`*" Ix-xhud tispjega li minħabba l-kundizzjoni medika ta' C D, hi kienet bdiet tieħu ħsieb lil G minn eta` żgħira ħafna u effettivament kienet tixtrilu kollox hi "*tant kemm G kien qisu ibni, li lili kien jgħajjatli Ma` u lill-uliedi kien jikkunsidrahom bħala ħutu*[46]."
Ix-xhud tikkonfermal li kienet irċeviet ittra mingħand l-attur u dan meta l-minuri kellu madwar erba' (4) snin fejn fl-ittra: *"...l-attur beda jgħid li hu l-missier bioloġiku ta' G. Din kienet l-ewwel darba li A qatt kien allega li huwa missier G, u nikkonferma li lili qatt ma kien avviċinani perosnalment - sempliċiment bagħtli ittra bl-avukat."*[47]

Affidavit ta' W Y[48] li tiġi oħt E u li hija "general and psychiatric nurse" u li skontha kienet meta oħtha E kellah sitt xhur tqala kienet għamlet żmien fis-*psychiatric unit* ta' St Luke's hospital. Skontha għamlet anki xi żmien f'Mount Carmel. Hi wkoll ssemmi dak li tgħid oħtha GiorI fl-Afidavit tagħha fuq l-kunjata tagħha. Skontha E kienet tgħidilha kemm hi kuntenta li GeorI qed trabbi lil G. Skontha ' Meta kotn staqsejt lill-oħti min kien missier G, hija kienet qaltli li ma kenitx taf – kien hemm madwar żewġ jew tlett irġiel li potenzjalment setgħu kienu missieru, u tkompli billi tgħdi li: "*irrispettivament min hu bijoloġikament missier G, jien nista nikkonferma li kienu GeorI u Salvu li rabbewh*"[49]

Affidavit ta' Z J [50] li effetivament jikkonferma l-affidavit ta' martu GeorI J iżda żied: "*G dejjem ikkunsidrani bħala missieru u niftakar li kien anki jgħidli li jiddejjaq li kunjomu kien 'D' għaliex xtaq li kunjomu jkun 'J' bħalna...*

Ommissis

[45] Fol 160
[46] Fol 160 paragrafu 9 et sew fejn ix-xhud tkompli temfazizza l-punt tal-ispejjeż inkorsi minnha għat-trobbija u edukazzjoni tal-minuri G D
[47] Fol 161 paragrafu 14.
[48] Fol 162
[49] Fol 162 paragrafu 11
[50] Fol 164

*... kelna relżżjoni ta' iben u missier li kienet tfisser ħafna għalija"*

Jikkonkludi l-affidavit tiegħu billi jgħid li l-attur qatt ma kkontribwixxa bl-ebda mod fit-trobbija ta' G u lanqas ma offra biex jkkontribwixxi u għalhekk ma jħossx li huwa fl-interess ta' G li jġ rikonoxxut minn l-attur f'dan l-istadju.

Għal kull buon fini l-Qorti tirrileva li eżaminat bir-reqqa l-provi kollha li ġew mressqa mill-partijiet fir-rikors 41/18 AGV liema provi u kontro-eżamijiet jiffurmaw parti mill-provi ta' din il-kawza stante li l-atti ġew allegati mal-kawża odjerna.

**Provi Xjentifiċi:**

Illi l-aqwa prova f'kawżi bħal din, u li jegħlbu kwalsiasi preżunzjoni legali, huma t-testijiet xjentifiċi u ġenetiċi, debitament maħlufa,

Illi fil-każ odjern skond id-*DNA Paternity Test Report* redatt minn Dr Marisa F u kkonfermat permezz ta' affidavit li gie pprezentat fl-14 ta' Ottubru, 2021, ġie ċertifikat li r-rikorrent A B hu l-missier naturali tal-mejjet G D detentur tal-karta tal-identita` numru: 29400L.

Illi għalhekk il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrent in kwantu dawna jirrigwardaw id-dikjarazzjoni ta' paternita`.

Il-Qorti rat is-Subtitolu I tat-Titolu II tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta illi jirrigwarda filjazzjoni tal-ulied imnissla jew imwielda matual iż-żwieġ, partikolarment l-Artikolu 77A, illi fuqu hija msejsa l-kawża odjerna. Dan jistipula|:

***77A. Bla ħsara għal dak li jiddisponi l-artikolu 81, kull min jgħid li huwa l-ġenitur naturali ta' wild imwieled fiż-żwieġ, jew il-werrieta tiegħu jekk huwa jkun miet qabel ma jitwieled il-wild, jista' jmexxi b'rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra l-konjuġi li wiled, il-konjuġi l-ieħor u l-wild, jew il-werrieta rispettivi tagħhom jekk xi ħadd minnhom ikun mejjet, sabiex huwa jiġi dikjarat bħala l-ġenitur naturali tal-wild u dan jekk kemm-il darba huwa jirnexxielu jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u t-tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-wild, il-konjuġi li wiled kien wettaq adulterju miegħu, u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor, li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu lill-konjuġi l-ieħor bħala l-ġenitur naturali tal-wild.***

Rat li permezz tas-sentenza fl-ismijiet **M D vs E D et. Rikors 163/01NC deċiża fil-25 ta' Ottubru, 2013**, ġie stabbilit li l-minuri defunt G D li twieled minn E fis-6 ta' Awwissu, 2000 mhuwiex il-wild naturali ta' H D, u ċioe` tal-konjuġi l-ieħor*;*

Rat li mit-testijiet ġenetiċi ta' paternita` redatti minn Dottor Marisa F[51], u minnha debitament maħlufa[52] permezz ta' Affidavit ddikjarat li: "*...Mit-testjiet li għamilt irriżulta illi A B ID No 483578M hu l-missier naturali ta' G D ID No 294000L. Dan ir-riżultat jinsab dikjarat fir-rapporti PT2101431 li jien iffirmajt.*

Illi fil-mertu, il-każ kollu jdur jekk ir-rikorrent irenxxilux jipprova sal-grad rikjest mill-liġi li d-defunt G D huwa l-wild naturali tiegħu u konsegwentement jipprova li hemm lok li jiġu megħluba l-preżunzjonijiet legali emanenti fil-liġi u li għall-inqas waħda miċ-ċirkostanzii komminati fl-Artikolu 77A tal-Kap 16, ġja ċċitat, ġiet ippruvata.

L-aqwa prova, f'kawża bħal din huma t-testijiet xjentifiċi u ġenetiċi, li fil-każ odjern ikkonfermaw illi r-rikorrent huwa l-missier bijoloġiku tad-defunt G D. It-test xjentifiku, hekk kif ikkonfermat bil-ġurament, jegħleb kull preżunzjoni legali relatata mal-paternita` tat-trabi mnissla fiż-żwieġ u jelimina kull dubju dwar l-istess paternita`. Għaldaqstant, il-provi miġjuba quddiem din l-Onorabbli Qorti juru bl-aktar mod ċar u inekwivoċi li d-defunt G D huwa l-wild naturali tar-rikorrent. Illi għalhekk il-Qorti tara li m'hemm l-edba raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrent.

Rat illi d-dettalji tar-rikorrent A B kif mitluba mill-konvenut Direttur tar-Reġiistru Pubbliku huma s-segwenti[53]:

I) Karta tal-identita tar-rikorrent: X;
II) Isem ir-rikorrent: A B;
III) Eta` tar-rikorrent meta twieled G D: 21 sena;
IV) Post tat-twelid tar-rikorrent: H'Attard;
V) Post tar-residenza tar-rikorrent meta twieled il-minuri G D: 'X, Triq X, X';
VI) Isem u kunjom missier ir-rikorrent: O B;
VII) Jekk in-nannu patern kienx ħaj jew mejjet meta twieled il-minuri G D: Ħaj.

<u>Dwar il-kunjom li għandu jassumi d-defunt G D:</u>

[51] Fol 115
[52] Fol 114
[53] Fol 117

Il-Qorti tħoss li fiċ-ċirkustanzi partikolari ta' dan il-każ il-kunjom ta' G u ċioe tal-wild naturali tar-rikorrent A B għandu jiġi mibdul għal 'B' u dan *inter alia* għar-raġunijiet segwenti:

1. Il-fatt li mill-atti li ġew allegati mal-kawża odjerna u speċifikament minn dak deċiż mill-Qorti fil-proċeduri 41/18 AGV jirriżulta li qabel ma' miet, il-minuri G li illum huwa stabbilit li huwa l-wild naturali tar-rikorrent, xtaq ikun jaf min kien missieru. F'dan is-sens din il-Qorti tagħmel referenza għal dik il-parti tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Familja diversament preseduta:

*"....il-Qorti hija konvinta li anke l-istess minuri G D illum mejjet, xtaq jiskopri l-verita`. Is-suwiċidju huwa evidenza ta' skuntentizza f'ħajtu u dan huwa kkonfermat mill-aħħar kliem li bgħat lill-ħabib tiegħu R S T, fejn qallu li kien imfixkel fuq il-fatt li ma kienx jaf min kien missieru. Għaldaqstant, in vista ta' dan u wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, tħoss li huwa dritt sacrosant ta' missier li jiġi ddikjarat bħala missier il-wild tiegħu. Li kieku G D kien għadu ħaj, żgur kien jixtieq din iċ-ċertezza f'ħajtu u għalhekk huwa dritt tiegħu li jkun leġittimat."*[54]

2. Il-fatt li z-zija tal-minuri G, u ċioe` GeorI J K.I. 0552862M, li effettivament kienet qed trabbi lill-minuri G, ġiet mitluba mir-rikorrent lura fis-sena 2005 sabiex tissottometti lil minuri G li dak iż-żmien kien għad għandu erba' snin, iżda GeorI J irrifjutat tagħmel dan. Skontha għamlet hekk għax '*it-tifel kien qed jgħix f'familja stabbli* (u ċioe magħha u riedet taddotah) *u li ma xtaqnix li jaqla xi inkwiet li iktar jispiċċa jiddistabbilizzah."* B'hekk fi kliemha stess hemm konferma minn naħa tagħha għalfejn irrifjutat li jsiru t-testijiet tad-DNA relattivi, sabiex jiġi stabbilit jekk ir-rikorrent kienx il-missier naturali tal-minuri meta dan kien għadu tifel żgħir ta' erba` snin, u dan kif jirriżulta ben ċar minn dak ammess minnha stess fl-Affidavit tagħha.[55]

3. Il-fatt li mill-Affidavit tal-intimata, hi stess tiddikjara li ħuha G ma riedx ikun 'D'[56]. Dan il-fatt jissemma' wkoll mir-raġel ta' GeorI meta fl-affidavit tiegħu hu wkoll jgħid li G kine jiddejjaq li kunjomu kien 'D' u li skont dan ix-xhud, G xtaq li kunjomu kien 'J'.

4. Il-Qorti tagħmel referenza għal dak sottomess mill-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu fuq dan punt, u l-fatt li l-intimata ngħatat il-possibilta` li tippreżenta nota ta' sottomissjonijiet responsiva fejn kellha

[54] Vide sentenza fl-atti allegati mal-proċess tar-rikors ġenerali numru 41/18 AGV
[55] Vide paragrafu 15 a fol 161
[56] Vide paragrafu 10 a fol 165

kull opportunita` sabiex tagħmel l-argumenti kollha tagħha iżda baqgħet ma ppreżentatx l-istess[57].

Għaldaqstant u abbażi ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti ser tordna li l-kunjom tad-defunt G għandu jiġi mibdul minn ‘D’ għal ‘B’.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tiddisponi mil-eċċezzjonijiet tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u kwantu huma inkompatibbli ma’ dak hawn deċiz u tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta C D, u tilqa’ t-talbiet kollha tal-attur billi:-

1. Tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara li l-attur A B huwa il-missier naturali ta’ G D imwieled fis- 6 t’Awwissu 2000;

2. Tilqa’ it-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel il-korrezzjonijiet meħtieġa fl-Att tat-Twelid tal-mejjet G D, fis-sens li fiċ-ċertifikat tat-twelid ta’ G D jiġi kanċellat l-isem ta’ H D, il-konnotati kollha tiegħu u l-kelma ‘the said’ u minflok jitniżżlu l-isem u kunjom tal-attur u l-konnotati kollha tiegħu skont in-nota a fol 117 tal-proċess.

3. Fid-dawl tas-suespost tordna li l-kunjom tad-defunt G detentur tal-karta tal-identita numru X jinbidel minn ‘D’ għal ‘B’.

Bl-Ispejjeż tad-Direttur konvenut jithallsu mill-attur A B filwaqt li għall-kumplament tal-ispejjeż kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha.

[57] Vide verbal tal-udjenza tal-17 ta’ April, 2023 a fol 176